# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

MAGISTRAT
**Dr. Victor George Axiak LL.D. Dip. Tax**

Seduta tal-1 ta' Gunju, 2020
Seduta Urgenti

**L-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni**
(Spettur Darren Buhagiar)

***vs***

**Asim Anur u Mohamed Abubaker Abubaker**

**Il-Qorti,**

1. Rat li Asim Anur ta' 18-il sena, ta' nazzjonalita' Sudaniza, iben Anur Bakhet u Fathima Baher Aldeen, imwieled Darfur, is-Sudan fil-25-01-2001, residenti fic-Centru Miftuh ta' Hal-Far u detentur tan-numru tal-pulizija bin-numru 190-016, flimkien ma' Mohamed Abubaker Abubaker ta' 16-il sena, ta' nazzjonalita' Sudaniza, iben Abubaker u Aina Saleh Yakoub, imwieled Darfur, is-Sudan fit-08-01-2003, residenti fic-Centru Miftuh ta' Hal-Far u detentur tan-numru tal-pulizija bin-numru 190-018 gew akkuzati bis-segwenti akkuzi:

    1. *"Talli fid-29 ta' Novembru 2019 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-Gzejjer jew fi bnadi ohra ffalsifikaw, biddlu jew ghamlu xi tibdil f'dokumenti jew kellhom fil-pussess taghhom xi dokumenti li huma kienu jafu li gew ffalsifikati, imbiddlin jew sar xi tibdil fihom, u cioe kellhom fil-pussess*

*taghhom passaport tal-aljeni Taljan falz u permess ta' residenza Taljan falz (Kap. 61, Art. 5 tal-Ligijiet ta' Malta).”*

2. *“Kif ukoll talli matul 1-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamlu falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokumenti, fid-dokumenti fuq imsemmija gewwa lAjruport Internazzjonali ta' Malta (Kap. 9, Art 189 tal-Ligijiet ta' Malta)”*

3. *“Kif ukoll talli matul 1-istess zmien, lok u cirkostanzi iffalsifikaw xi dokumenti jew kopji vera ta' dokumenti jew registrazzjonijiet maghmula skond 1-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217, Art. 32(1)(d) tal-Ligijiet ta' Malta)”.*

2. Rat id-dokumenti esebiti.

3. Rat li l-imputati ammettew l-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

4. Rat illi wara li l-Qorti fissret lill-imputati il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni u tatom zmien biex jirrikunsidraw il-posizzjoni taghhom, l-imputati kkonfermaw l-ammissjoni taghhom.

**Ikkunsidrat**

5. Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u l-akkuzi ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

6. Illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li gew ammessi, il-koperazzjoni tal-imputati mal-pulizija, u l-ammissjoni fl-istadju inizjali ta' dawn il-proceduri u ma' tarax li ghandha ghalfejn tmur oltre l-piena minima.

**Decide**

7. **Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli rilevanti tal-ligi (Kap. 61 Art. 5, Kap. 9 Art. 31, Art. 37(2), Art. 189, Kap. 217 Art. 32(1)(d) tal-Ligijiet ta' Malta) issib lill-imputati hatja fuq ammissjoni taghhom stess tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom u:**

   i. **Tikkundanna lill-imputat Asim Anur ghal piena karcerarja ta' sitt (6) xhur;**
   ii. **Fir-rigward tal-imputat l-iehor Mohamed Abubaker Abubaker li huwa minuri, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 37(2) tal-Kap 9 tal-**

**Ligijiet ta' Malta qed tnaqqas grad wiehed mil-piena applikabbli w ghaldaqstant tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tlett (3) xhur**

**Fiz-zewg kazijiet irid jitnaqqas mill-piena kwalunkwe perjodu ta' zmien li l-imputati ghamlu taht arrest preventiv.**

**Dr. Victor George Axiak**
**Magistrat**

**Mario Azzopardi**
**Deputat Registratur**